**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' Dicembru , 2018

Rikors Nru : 381/17AL

**AB**

**Vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu nhar l-ghaxra (10) ta' Dicembru tas-sena elf disa` mija u erbgha u disghin (1994).

Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa mit-tnax (12) ta' Jannar, tas-sena elfejn u hamsa (2005), u dana permezz ta' kuntratt redatt min-nutar pubbliku Dr. Marco Farrugia LL.D, kopja ta' liema kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata, Dok LD1.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom separati sa mill-elfejn u hasa (2005), huma ormai ghandhom hajja totalment separata minn ma xulxin.

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut versu l-konvenuta stante dekadenza reciproka li tirrizulta minn klawsola numru hamsa (5) tal-att relattiv, u lanqas ma hemm manteniment pendenti u pagabbli ghat-trobbija ta' ulied il-partijiet, P Q li llum ghandhom ghoxrin u tmintax-il sena rispettivament.

Talab lil din il-Qorti sabiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall-daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tas-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta li giet mahlufa mill-intimata li permezz taghha esponiet:

1. Illi l-esponenti taqbel mal-fatti kif esposti mir-rikorrenti.
2. Illi l-esponenti m'ghandha ebda oggezzjoni li t-talbiet tar-rikorrenti jigu milqugha.
3. Illi l-esponenti m'ghandhiex tbati l-ebda spejjez b'konnessjoni ma' din il-procedura u ghalhekk kemm l-ispejjez tar-rikorrenti u kif ukoll dawk tal-esponenti ghandhom jigu mhallsa kollha mir-rikorrenti.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Ottubru 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Jannar, 2005;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.